# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 6**

**Rikors numru 530/09 AE**

**Costruzioni Dondi S.p.A socjeta` estera registrata fl-Italja fir-Registru tal-Intraprizi ta' Rovigo numru 00103480299**

**v.**

**Polidano Brothers Limited**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-26 ta' Settembru 2013 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

> "Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-2 ta' Gunju 2009, l-attrici ppremettiet li:-
>
> > "1. Fl-10 ta' Mejju 2007 l-attrici dahlet fi ftehim mal-konvenuta sabiex ikun hemm kollaborazzjoni bejniethom fil-progett Malta South Sewage Treatment Plant (Works) (CT165/2007 – CT

2084/2007), li nhareg mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, permezz tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

"2. Skond klawzola 3.5 tal-ftehim il-partijiet ftehemu li l-infieq u spejjez ghandu jinqasam bejn il-partijiet b'mod proporzjonali ghall-persentaggi relattivi ta' kif kien mahsub li jinqasam ix-xoghol bejn il-partijiet.

"3. Il-konvenuta kellha twettaq 40% tax-xoghol, li kien jirrigwarda kostruzzjoni.

"4. Ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas lill-attrici 40% tal-ispiza li ghamlet fit-tlestija tat-tender, u cjoe' 65,224. Din is-somma tirrizulta minn hames kontijiet mahruga fil-perjodu bejn is-26 ta' Settembru 2007 u 27 ta' Dicembru 2007.

"5. L-ewwel fattura kienet intbaghatet fis-26 ta' Settembru 2007 ghas-somma ta' 20,000. Wara hargu fatturi ohra.

"6. Il-fatturi huma gustifikati u qatt ma gew kontestati.

"Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' hamsa u sittin elf mitejn u erba' u ghoxrin ewro (€65,224).

"L-attrici talbet ukoll li l-kawza tinstema' bil-dispensa tas-smiegh (Artikolu 167-170 tal-Kap. 12). Talba li giet michuda (fol. 28).

"Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-23 ta' Lulju 2009 (fol. 29) il-konvenuta wiegbet:

"1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi m'huwiex minnu illi l-attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' hamsa u sittin elf mitejn u erbgha u ghoxrin ewro (€65,224) u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

"2. L-ispejjez m'ghandix taghmel tajjeb ghalihom il-konvenuta.

"Il-qorti semghet il-provi u trattazzjoni u rat l-atti kollha.

"Il-kaz jitratta dwar kuntratt iffirmat bejn il-partijiet in konnessjoni mal-progett *Malta South Sewage Treatment Plant* (fol. 5). Jirrizulta li ghal dan il-progett kien hareg tender, u jekk jintrebah il-kumpannija attrici kellha tiehu hsieb *"Mechanical and electrical works"* filwaqt li *"concrete, civil, earth, landscaping and builders works"* kellu jsir mill-kumpannija konvenuta. Fi klawzola numru 3.5 jinghad:-

*""The PARTIES agree that, before offer presentation, the expenses incurred will be paid by each party. Both parties have to provide a schedule of pricing for the bid preparation. The said costs shall be shared proportionally as the agreed."*

"L-attrici qeghda tippretendi hlas a bazi ta' din il-klawzola u ssostni li l-konvenuta kellha thallas 40% tal-ispejjez li ghamlet b'riferenza ghal servizzi li nghatat minn terzi. F'dan il-kuntest il-qorti tosserva:-

"i. Il-konvenuta ddikjarat li *"[…] huwa minnu illi ai termini tal-Artikolu 3.5 tal-ftehim bejn il-partijiet* ***dawn qablu illi l-infiq u l-ispejjez jinqasmu****"*[1]. Dikjarazzjoni li tikkontradici:-

"(a) Dak li xehed Mario Gatt, accountant tal-kumpannija, meta qal li l-ftehim kien fis-sens li *"[…] kull kumpannija thallas il-parti tal-ispejjez taghha, b'dan infisser illi kull konsulent li jitqabbad fuq xoghol relatat mat-tender ghandu jithallas minn dik il-kumpannija li tkun qabditu…"* (fol. 91);

"(b) L-argument tad-difensur tal-konvenuta li sar waqt it-trattazzjoni li l-ftehim kien fis-sens li kull parti kellha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha, u f'dan ir-rigward ghamel riferenza ghall-klawzola 3.2.

"Inoltre, jekk verament kull parti kellha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha, x'kienet ir-raguni li fit-8 ta' Novembru 2007 il-kumpannija konvenuta hallset il-kont tat-2 ta' Lulju 2007 li baghtet l-attrici (fol. 122-123) ? Dwar dan il-konvenuta ma kkummentatx. Ghall-qorti dan il-pagament fih innifsu jfisser konferma li l-konvenuta accettat li thallas spejjez li ghamlet l-attrici fl-istadju li wasslu ghat-tender.

"Inoltre, fil-fehma tal-qorti klawzola 3.5 hi cara fis-sens li l-ispejjez li jsiru biex jigi ppreparat it-tender kellhom jinqasmu bejn il-kontendenti skond il-persentagg li kull wiehed minnhom kellu tax-xoghol. Jekk wiehed kellu jinterpreta l-klawzola bil-mod li qeghda taghmel il-konvenuta, fis-sens li kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez li ghamlet qabel gie pprezentat it-tender, mela:-

"i. Il-pagament li ghamlet il-kumpannija konvenuta lill-attrici ma kienx isir;

"ii. Ma kienx ikun hemm ghalfejn fil-klawzola jinghad li:-

*"(a) "Both parties have to provide a schedule of pricing for the bid preparation"*.

*"(b) "The said costs shall be share proportionally as the agreed"*. Kliem li ghall-qorti jfirsser biss li kull parti kellha taghti kontribuzzjoni ghall-ispejjez li tkun ghamlet il-parti l-ohra.

[1] Paragrafu 2 tad-dikjarazzjoni guramentata minn Charles Polidano stess (fol. 29).

"ii. Hemm dizgwid dwar il-persentagg li Polidano Brothers Limited kellha tassumi mill-ispejjez. Fil-kuntratt jinghad biss: *"The said costs shall be shared proportionally as the agreed"*. Fit-tender jinghad li l-konvenuta kien ser ikollha 43% tax-xoghol li kellu jsir. Il-konvenuta argumentat li dak id-dokument ma fihx il-firma ta' rapprezentant ta' Polidano Brothers Ltd u ghalhekk ma jorbotx. Madankollu l-qorti hi tal-fehma li fuq bazi ta' probabilita' l-konvenuta kellha tkun responsabbli ghal 40%, u dan meqjus li:-

"(a) It-tender kien sar fi zmien meta l-kontendenti kienu qeghdin jikkoperaw ma' xulxin. Ghalhekk hu verosimili li l-persentagg dikjarat fit-tender kien qieghed jirrifletti dak li ftehemu l-partijiet;

"(b) Jirrizulta li l-konvenuta kienet hallset is-sehem taghha minn kont datat 21 ta' Mejju 2007 mahrug mid-ditta S.I.T.A. s.a.s (fol. 32). Fil-fatt hallset €8,000 (fol. 83) wara li l-attrici harget kont datat 2 ta' Lulju 2007 (fol. 122) bin-numru 262. Il-hlas hu 40% tal-kont fis-somma ghal €20,000. Jidher li l-konvenuta ma hallsitx sehem mit-taxxa (I.V.A).

"(c) Charles Polidano kkonferma li min-naha tieghu kien ta garanzija ta' 43% (fol. 113). Kompla jghid: *"L-ispiza f'dan it-tip ta' progett mhux il-konkrit, imma il-makkinarju li ghandek bzonn biex thaddem dan it-tip ta' impjant. Naf li kienu saru xi costings bejn in-nies ta' Dondi u n-nies tieghi, fosthom il-perit u dan wasslu ghall-persentagg ta' 43%"*.

"iii. Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-kumpannija konvenuta argumenta li ma saret l-ebda prova li l-attrici kienet hallset il-kontijiet li minnhom qeghda tippretendi rimbors ta' 40% minghand il-konvenuta. Pero Alessandro Rondina, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2010, ikkonferma li kienu hallsu lit-terz li ta servizz. Waqt is-smiegh tal-kawza qatt ma gie kkontestat li l-attrici kienet hallset. M'ghandux ikun li argument simili jitqajjem ghall-ewwel darba waqt it-trattazzjoni. F'kull kaz anke jekk il-hlas ghadu ma sarx, dan hu debitu fil-partrimonju tal-attrici u ghandha jedd tirkuprah.

"iv. Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-konvenuta argumenta wkoll li b'applikazzjoni tal-klawzola 4.1 (*Duration of the Agreement*) l-attrici ma setatx tippretendi hlas. Gialadarba t-tender ma ntrebahx u fi klawzola 4.1(b) jinghad li f'tali eventwalita *"The subcontractor Agreement shall be considered resolved by right and without the necessity of any formalities…"*, isostni li m'hemmx obbligazzjoni li thallas xi parti mill-ispejjez li ghamlet l-attrici. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

"(a) Dan hu argument iehor li sar ghall-ewwel darba waqt it-trattazzjoni. Haga li ma tistax issir;

"(b) Fi klawzola 4.1 ma jinghadx li f'kaz li t-tender ma jintrebahx, il-kuntratt jitqies bhala li qatt ma ezista. Meta d-Direttur tal-Kuntratti habbar li Dondi kienet giet skwalifikata, l-obbligazzjoni tal-hlas tal-ispejjez kienet diga' twieldet. Ovvjament ladarba t-tender ma ntrebahx, ir-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti ma setatx tkompli. Rilevanti wkoll hu dak li jinghad fi klawzola 9.3: *"It is intended that the liability of the Parties for the fulfilment of their obligations during the existence of this Agreement, including the duty of confidentiality and the dispute resolution clause, shall survive after the resolution of this agreeement."* (fol. 14). Klawzola li tkompli tikkonferma li tibqa' r-rabta kuntrattwali ghal dak li gara fl-istadju qabel intefa' t-tender.

"(c) Fi klawzola 9.1 jinghad: *"Suspensive condition: the efficacy of this Agreement, exclusively and with relation to the obligations of the PARTIES after the presentation of the OFFER, is subordinate to the awarding of the CONTRACT to DONDI"* (fol. 14). L-obbligazzjonijiet meritu ta' din il-kawza ghandhom x'jaqsmu mal-obbligi ta' qabel giet prezentata l-offerta u ghalhekk mhux milquta minn din il-klawzola.

"v. Il-konvenuta qalet ukoll li skond klawzola 3.5, *"Both parties have to provide a schedule of pricing for the bid preparation"*. Peress li din is-sentenza qeghda fil-klawzola li tirrelata ghall-ispejjez li kellhom isiru fit-thejjija tat-tender, il-qorti tifhem li ghandha x'taqsam mal-istess suggett. Il-qorti ssahhah il-fehma taghha meqjus li fil-kuntratt jinghad li fl-ezekuzzjoni tal-progett: *"Each Party shall bear all the expenses for carrying out the works assigned to them, and shall make the respective payment to the suppliers and to any sub-contractors."* (klawzola 3.2). Il-konvenuta ssostni li din l-iskeda ta' prezzijiet qatt ma giet skambjata bejn il-partijiet, u kull parti hallset l-ispejjez tagha. Il-qorti tosserva:-

"(a) Il-hlas li qeghda tippretendi l-attrici m'huwiex ghal xoghol li sar minn dipendenti taghha imma minn terzi;

"(b) Jibqa' 'l fatt li fil-bidu ta' Novembru 2007 il-kumpannija konvenuta hallset l-ewwel kont li kien intbaghat. Ir-raguni tghidlek li kieku l-ftehim kien li kull parti taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha, il-konvenuta ma kenitx ser thallas €8,000. Prova li tikkontradici dak li qal Mario Gatt li *"jekk ma tiehux it-tender kullhadd jibqa' b'dak li ha"* (fol. 117).

"(c) Il-fatturi kienu qeghdin jintbaghatu lill-konvenuta, ovvjament ghaliex l-attrici kienet qeghda tippretendi l-hlas. Ghalkemm il-konvenuta tghid li kull parti kellu jhallas l-ispejjez li ghamel, ma ressqet l-ebda prova li kkontestat il-kontijiet meta rcevithom.

"(d) Il-fatt li setghet ma nghatatx l-iskeda ta' prezzijiet, ma jfissirx li l-attrici tilfet il-jedd li titlob lill-konvenuta milli taghti l-kontribut taghha ghall-spejjez li m'hemmx kontestazzjoni li saru fit-thejjija tat-tender.

"vi. Is-sehem li ghandha thallas il-konvenuta mill-kontijiet hawn taht imsemmija huma s-segwenti:-

"(a) ASTEM S.c.r.l. Kont numru 3 datat 1/7/2007 (fol. 58) €8,000;

"(b) S.I.T.A s.a.s. Kont numru 14 datata 31/7/2007 (fol. 54) €20,000;

"(c) Arch. Pasquale Pellicano Kont numru 2 datat 25/9/2007 (fol. 56) €492;

"(d) Arch. Rosina Petrolo Kont numru 2 datat 25/9/2007 (fol. 57) €492;

"(e) S.I.T.A s.a.s Kont numru 20 datata 8/10/2007 (fol. 55) €20,000;

"L-attrici tippretendi wkoll is-somma ta' €16,000 bhala sehem il-konvenuta mill-ispejjez li saru biex inghatat Letter of Credit. Fil-prospett prezentat fl-20 ta' Ottubru 2010 (fol. 63) spjegat: *"Infatti it-tender in kwistjoni kien jitlob, a parti l-bind bond, illi l-offerenti jipprezentaw credit facility fl-ammont ta' ghoxrin miljun Euro (€20,000,000). L-ammont sabiex tinhareg din il-letter of credit thallas kollu kemm hu (100%) mis-socjeta attrici. Infatti s-socjeta attrici hallset l-ammont ta' €40,000 lis-socjeta bankarja Uni Credit (Rovigo) nhar il-5 ta' Settembru 2007"* (fol. 64). Fatt li ma gewx kontradetti mill-konvenuta. F'dan ir-rigward l-attrici pprezentat dikjarazzjoni mahruga minn UniCredit Corporate Banking (fo. 77) fejn hemm konferma li thallset is-somma ta' €40,000 bhala kummissjoni ghal *"Lettera di Disponibilita' di Linee di Affidamento"* ta' €20,000,000.

"Ghalhekk is-somma li hi dovut mill-konvenuta hi ta' **erba' u sittin elf disa' mija u erba' u tmenin ewro (€64,984)**.

**"Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta u tikkundannaha thallas lill-attrici s-somma ta' erba' u sittin elf disa' mija u erba' u tmenin ewro (€64,984), bl-imghax kif mitlub mid-data tal-fatturi (fol. 19-23).**

**"Spejjez a karigu tal-kumpannija konvenuta."**

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta li talbet ir-revoka taghha u kwindi c-cahda tat-talbiet attrici; is-socjeta` appellata talbet il-konferma tas-sentenza.

L-aggravji mressqa mill-appellanti huma tnejn u se jigu kkonsidrati *seriatim*.

**L-ewwel aggravju** jirrigwardja l-interpretazzjoni tal-kuntratt bejn il-kontendenti. L-appellanti tghid li dan ma kienx *'joint venture'* izda sub appalt u kien ghalhekk li hija sostniet li ladarba l-appalt principali ma kienx inghata lill-appellata l-kuntratt bejn il-partijiet kellu jkun dikjarat xolt *ipso jure*. Tkompli tghid li m'huwiex korrett li jinghad li din ma kinitx sollevata qabel it-trattazzjoni finali ghaliex l-eccezzjoni taghha kienet generika u allura kienet tikkomprendi din il-pregudizzjali.

F'dan ir-rigward kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha **Camilleri v. Aquilina (16 ta' Marzu 2004):**

> "Dan premess jigi osservat li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti fir-rigward u cioe` meta rriteniet li "hi tista' tikkunsidra biss dawk l-eccezzjonijiet li jigu formalment moghtija" kienet korretta, mhux biss inkwantu l-gurisprudenza tikkonforta din il-posizzjoni izda billi ukoll huwa mehtieg li kull eccezzjoni li tigi sollevata mill-konvenut tkun inkorportata f'**nota tal-eccezzjonijiet** akkompanjata b'dikjarazzjoni guramentata mill-parti jew wahda mill-partijiet li tkun qed tressaqha (vide Art. 158 tal-Kap. 12). Mhux hekk biss talli l-ligi trid li kopja identika ta' din in-nota tal-eccezzjonijiet "tigi notifikata permezz tar-registru lill-attur jew lill-avukat tieghu." Dan ghaliex in-nota tal-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difenzjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta l-istadju tal-provi jkun maghluq u meta din tithalla ghas-sottomissjonijiet orali jew biex jigu prezentati noti tal-osservazzjonijiet, l-

> kontro-parti tigi rinfaccata b'linja difenzjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali."

Anke sentenza tal-Prim'Awla, **Antida Falzon v. APS Bank (28 ta' Mejju 2003)** qalet illi, *il-Qorti, wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, hija tal-fehma li argument legali dedott fin-nota, u mhux bhala eccezzjoni formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqisha bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'*. (Ara sentenza **Appell, A. Cristina v. E Mizzi 27/3/03**).

Fil-fehma tal-Qorti, l-eccezzjoni generika (kif sejjhitilha l-istess appellanti) ma tikkomprendix din il-linja difenzjonali mressqa fir-rikors tal-appell. Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha kif inghad, l-appellanti tghid biss li l-ammont reklamat mhux dovut. L-argument imressaq minnha fit-trattazzjoni orali u fir-rikors tal-appell huwa wiehed prettament legali u kellu jigi precizat fin-nota tal-eccezzjonijiet. Gie deciz ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel u Theresa konjugi Tabone v. David u Rose konjugi Tabone (A.C. – 31 ta' Jannar 2003**) illi:-

> "Din il-Qorti hija qorti ta' revizjoni u ghalhekk hija prekluza milli tindaga dwar, u tindirizza, elementi godda li ma jirrizultawx fil-prima istanza u li konsegwentement ma hemm ebda decizjoni dwarhom. Dana mhux biss inkwantu tali indagini tkun tinnecessita s-smigh ta' provi godda fuq il-kwistjoni gdida sollevata fir-rikors tal-appell, liema provi ma jirrizultawx fil-process, izda wkoll billi b'kull decizjoni f'dan li stadju fuq materja gdida li ma kinitx mertu mis-sentenza appellata jigi lez id-dritt tal-partijiet ghad-doppio esame. Dan id-dritt jigi nieqes kemm-il darba din

> il-Qorti kellha tindirizza l-aggravju kif prospettat fir-rikors ta' l-appell li ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li gie diskuss quddiem l-ewwel qorti."

Kwindi fuq din il-bazi biss, dan l-aggravju huwa respint u ma hemmx lok ta' indagini ulterjuri. Madankollu l-appellanti fir-rikors tal-appell ziedet tghid illi l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta fl-interpretazzjoni tal-kuntratt bejn il-partijiet ghaliex strahet biss fuq l-Artikolu 3.5 u ma tatx kaz artikoli ohra biex tinterpreta s-sens tar-relazzjoni guridika bejn il-partijiet li jwasslu ghas-soluzzjoni legali tal-vertenza odjerna.

Bhala linja generali jinghad illi l-**Artikolu 1002 tal-Kapitolu 16** jistipula illi *"Meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Grace Spiteri v. Carmel sive Lino Camilleri et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:-

> "Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa'dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi tkompli tghid din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hawn appena citata li:-

> "Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu**" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).**

Illi *inoltre* gie deciz illi "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (**Vol. XXIV, P. I., p.27**) (ikkwotata fis-sentenza **"Beacom v. Spiteri Staines"** – ibid; **"Suzanne Xuereb v. Gilbert Terreni" –** P.A 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri v. Alfred Borg"** – P.A. 30 ta' Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul, 30 ta' Ottubru 2001. "General Cleaners Company Limited v. Accountant General" –** P.A. – 29 ta' Novembru 2001).

L-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti interpretat l-Artikolu 3.5 tal-kuntratt bejn il-partijiet minghajr ma qieset l-import ta' artikoli ohra bhal 3.2. Madankollu din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni illi tat l-ewwel Qorti li l-Artikolu 3.5 huwa car bizzejjed minghajr il-htiega ta' riferenza ghall-Artikoli ohra. Huwa evidenti li ghalkemm il-kuntratt bejn il-kontendenti huwa principalment wiehed ta' sub-appalt, dan ma jfissirx li l-istess partijiet ma ftehmux li jaqsmu proporzjonalment l-ispejjez inizjali tal-progett – fi kliem iehor kienu lesti jaqsmu r-riskju li johorgu l-ispejjez rigwardanti l-preparazzjoni tal-istess progett bit-tama li finalment jaqsmu l-qliegh bl-istess proporzjon. Il-fatt illi imbaghad il-kuntratt ma intrebahx ma jfissirx li l-partijiet inhallu mir-responsabilta` ghal hrug tal-ispejjez. L-

argument l-iehor li l-appellanti ressqet u cioe` li hija wkoll harget spejjez min-naha taghha ma jiswa xejn ghaliex l-istess appellanti mhux biss ma eccepitx it-tpacija izda naqset li tressaq provi ta' x'kienu u kemm kienu dawn l-ispejjez; '*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'* kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura Civili u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 **u Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

L-aggravju kollu allura huwa michud.

**It-tieni u l-ahhar aggravju** tal-appellanti hu li qed tilmenta minn dak li qalet l-ewwel Qorti meta ddikjarat illi "F'kull kaz anke jekk il-hlas ghadu ma sarx, dan hu debitu fil-patrimonju tad-debitur u ghandha jedd tirkuprah". L-appellanti targumenta li dan huwa legalment insostenibbli u l-appellata kellha tressaq provi li l-ispejjez effettivament hargithom kollha.

Hawnhekk l-appellanti tilmenta wkoll li l-argument tal-ewwel Qorti li hija ma kkontestatx l-ammont ma ghandux jiggustifika l-fatt illi mill-atti jirrizulta li l-appellata ma gabitx prova li harget l-ammonti mitluba kollha. Madankollu dan ma jirrizultax mill-atti ghaliex id-dokumenti esebiti mill-appellata gew konfermati bil-gurament mir-rapprezentant taghha u l-istess dokumenti jindikaw li l-ammonti reklamati effettivament inhargu

mill-istess appellata. Dak li qalet l-ewwel Qorti kien li anke jekk dan ma sarx l-appellata kellha dritt titlob l-ammonti msemmija minnha – dan ma jfissirx li effettivament il-hlasijiet ma sarux u mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddelibera jekk taqbilx jew le ma' dak li qalet l-ewwel Qorti ghaliex dak li qalet ma ghandu ebda effett fuq id-decizjoni finali. L-appellanti fir-rikors taghha ssemmi wkoll il-bid bond, u tghid li din ma ghandiex tkun dikjarata bhala parti mill-ispejjez inkorsi mill-appellata. Madankollu minn ezami tad-dokumenti esebiti ma jirrizultax li din kienet inkluza mad-danni mitluba ghaliex dawn kollha jirrigwardjaw l-hekk imsejjha "fatturi'. Ghalhekk il-lanjanzi kollha relattivi huma rrilevanti.

Ghalhekk anke t-tieni aggravju huwa michud.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma interament is-sentenza appellata. L-ispejjez tal-appell ukoll a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld